MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 665/2002/1

**J & R Vassallo Limited**

**Vs**

**Malta Freeport Corporation Limited u b'digriet tat-Tribunal tat-23 ta' Settembru, 2003 l-isem tas-socjeta' konvenuta ghandu jigi mibdul bl-isem Malta Freeport Terminals Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet l-ammont ta' Lm956 (disa' mija u sitta u hamsin lira Maltin) rapprezentanti danni sofferti fi *trailer* taghhom ikkagunati mis-socjeta' konvenuta jew impjegati taghha kif spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta fejn is-socjeta' konvenuta eccepiet:

i. Illi ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhix il-legittima kontradittrici.

ii. Illi s-socjeta’ Malta Freeport Corporation Limited hija skond il-Malta Freeports Act (Kap. 334) l-awtorita’ li tirregola l-*freeports* f’Malta u mhux l-operatur.

Sema’ x-xhieda ta’ Raymond Vassallo fejn qal li b’rizultat ta’ l-incident in kwistjoni t-*trailer* tas-socjeta’ attrici nqasam min-nofs u ssewwa. Huwa esebixxa l-ircevuta ta’ dawn l-ispejjez (Dok. RV), is-*survey report* u l-ircevuta ta’ dan (Dok. RV2 u Dok. RV3) u rcevuta ta’ kiri ta’ *trailer* iehor (Dok. RV4). Huwa qal ukoll li t-*trailer* kien baqa’ iktar minn xahar fil-*freeport* wara l-incident u li hu kien icempel lis-socjeta’ konvenuta spiss dwar dan.

Sema’ x-xhieda ta’ John Vassallo fejn qal li huwa kien qed isuq iz-ziemel meta sehh l-incident in kwistjoni u li l-incident sehh meta l-*crane* waqqa’ l-*container* fuq is-*semi-trailer*. Huwa qal li dan it-*trailer* kien baqa’ iktar minn xahar fil-*freeport* wara l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digriet ta’ dan it-Tribunal tat-23 ta’ Settembru 2003, li in forza tieghu saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li kull fejn jidher l-isem Malta Freeport Corporation jigi ssostitwit ghal Malta Freeport Terminals Limited.

Ghaldaqstant it-Tribunal mhux ser ikompli jiehu in konsiderazzjoni eccezzjonijiet tas-socjeta’ Malta Freeport Corporation Limited.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ Malta Freeport Terminals Limited fejn eccepiet illi t-talbiet attrici ghall-hlas tad-danni huma preskritti skond l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Ra n-Nota ta’ Referenzi tas-socjeta’ attrici fejn esponiet is-segwenti:

i. Skond Artikolu 2129 tal-Kodici Civili att gudizzjarju jinterrompi l-preskrizzjoni anki jekk hemm zball fil-forma.

Illi ghalkemm kien f'dan il-kaz kien hemm zball fl-isem xorta kien individwabbli l-konvenut tant li accetta n-notifika u kompla bil-kawza.

ii. Illi l-incident gara waqt relazzjoni kuntrattwali ta' xoghol bejn il-partijiet u ghalhekk ma tghoddx il-preskrizzjoni ta' sentejn (Art. 2153) izda dik ta' hames snin (Art. 2156).

Is-socjeta' attrici sostniet dan b'referenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati taghna partikolarment **Gaetano Spiteri pro et noe Vs Thomas Castle (Vol XLIX.ii.1027)** fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kienet qalet:

"Actions for damages are prescribed by two years if damages arise from culpa aquiliana or quasi-tort, but they are prescribed by five years if they derive from contractual negligence. An action by a hirer of a car against the person who hired the car for damages caused to the car, concerns contractual damages and hence is subject to the five year prescriptive period."

**Joseph Busuttil Vs Emmanuele Schembri (Vol XXXVIII.i.292)** fejn il-Qorti tal-Kummerc kienet qalet:

"Negligence is considered as non-contractual when it is not related to a pre-existing contract. When a contract exists negligence can only be non-contractual (culpa aquiliana) if the fact is independent and autonomous of the contractual relation. Contractual negligence consists in the non-performance or improper performance of an obligation resulting from a contract."

Ra n-Nota ta' Osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn esponiet is-segwenti:

i. Illi din il-kawza tirrigwarda ncident li sehh fit-22 ta' Frar, 2001 u li s-socjeta' attrici pprocediet b'din il-kawza kontra l-Malta Freeport Corporation u b'digriet tat-23 ta' Settembru, 2003, it-Tribunal ordna l-korrezzjoni ta' l-okkju biex jinbidel ghal Malta Freeport Terminals Limited.

ii. Illi sussegwentement fl-2004, giet notifikata s-socjeta' konvenuta li eccepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u ghalhekk m'hemmx dubju li l-ewwel darba li s-socjeta' konvenuta giet citata f'att gudizzjarju dwar l-incident in kwistjoni kien iktar minn sentejn mid-data ta' l-incident.

iii. Illi l-fatt li l-kawza nfethet fl-2002 bl-ebda mod ma jissospendi l-preskrizzjoni fir-rigward tas-socjeta' konvenuta stante illi din giet citata biss f'Settembru, 2003 u notifikata fl-2004, kwazi tlett snin wara l-incident. L-Onorabbli Qorti Civili, Prim' Awla fis-sentenza tat-3 ta' Lulju, 2003 - **Avv. Dott. Louis Cassar noe Vs Angelo Xuereb noe et** qalet:

"…id-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi, allura, determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara…Dan it-terminu jista' jigi sospiz f'kaz li jkun hemm impediment ta' dritt u mhux wiehed ta' fatt…il-fatt li l-attrici setghet kellha diffikulta' biex tiddentifika lil min kellha tharrek mhux impediment legittimu li jissospendi l-mixi taz-zmien ta' preskrizzjoni…"

Illi dan ix-xenarju jixbah ferm il-kaz odjern u l-fatt illi l-azzjoni kienet indirizzata skorrettament m'ghandux jippregudika lis-socjeta' konvenuta.

Illi kif proposta t-talba attrici, huwa car li d-danni li qed tirreklama s-socjeta' attrici huma danni *damnum ex delictu vel quasi* u mhux danni *ex contractu*. F'dan il-kaz allura ghandu japplika l-Artikolu pprecitat u mhux l-Artikolu 2156 kif qed tallega s-socjeta' attrici.

Illi f'kaz bhal dan wiehed ghandu jqis l-event dannuz li sehh bhala fatt indipendenti mir-relazzjoni li kellhom il-partijiet. Zgur li s-socjeta' konvenuta ma naqsitx f'xi wiehed mid-doveri taghha u d-danni li graw ghandhom jitqiesu fuq il-mertu taghhom. M'hemmx dubju li s-socjeta' konvenuta tippresta servizz ekwiparabbli ma' dak li jipprestaw perit u bennej f'xoghol ta' bini u madankollu l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha tas-**27 t'Ottubru, 1958 fl-ismijiet Marianna Cini pro et noe Vs**

**Paolo Galea et** ma qisetx id-danni naxxenti mit-traskuragni tal-perit u bennej bhala danni naxxenti minn kuntratt imma minn *quasi delitt*.

Ra n-Nota Ulterjuri tas-socjeta' attrici fejn esponiet is-segwenti:

i. Illi l-incident in kwistjoni li kkawza danni gara waqt li haddiema tal-*freeport* kienu qed jghabbu *container* ghal fuq it-*trailer* tas-socjeta' attrici, b'negligenza u nuqqas ta' sengha waqt ix-xoghol, l-impjegat tal-*freeport* waqqa' l-*container* mill-gholi ghal fuq l-istess *trailer*. Kien ghalhekk li l-incident sehh waqt ir-relazzjoni kuntrattwali ta' xoghol bejn il-partijiet.

ii. Huwa skorrett l-attur meta jghid li jidher li s-socjeta' attrici mhux qed tibbaza t-talba taghha fuq xi nadempjenza kuntrattwali. L-Avviz jindika li *"l-konvenut jew impjegati taghhom ghamlu hsara fit-trailer ta' l-atturi"* - ghalhekk huwa car li din il-hsara grat mill-inadempjenza ta' l-obbligi kuntrattwali jew ahjar minn nuqqasijiet waqt twettieq ta' dawn l-obbligi.

**Ikkunsidra**

Illi l-fatti m'humiex ikkontestati.

Illi dan it-Tribunal ghandu jiddeciedi fuq iz-zewg argumenti ewlenin dwar liema l-partijiet m'humiex jaqblu:

i. Jekk il-preskrizzjoni gietx interrotta bl-Avviz tat-18 ta' Marzu, 2002; u

ii. Jekk din il-kawza tinvolvix danni rizultanti minn kolpa kuntrattwali jew minn kolpa aquiliana.

Illi rigward l-ewwel punt is-socjeta' attrici citat l-Artikolu 2129 tal-Kodici Civili liema Artikolu jipprovdi li l-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba tkun nulla minhabba difett ta' forma. Illi dan l-Artikolu ma japplikax ghal dan il-kaz peress li jinvolvi difett fl-isem tal-konvenut, liema difett

imbaghad gie korrett bid-digriet ta’ dan it-Tribunal tat-23 ta’ Settembru, 2003.

Illi t-talba tat-18 ta’ Marzu, 2002 kontra s-socjeta’ Malta Freeport Corporation ma tinterrompix il-preskrizzjoni peress li din is-socjeta’ hija awtorita’ differenti mis-socjeta’ konvenuta.

Illi t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dakinhar ta’ l-incident u fil-kaz li tkun applikabbli l-preskrizzjoni nvokata ta’ sentejn allura kellha ragun is-socjeta’ konvenuta. L-incident in kwistjoni sehh fit-22 ta’ Frar, 2001 u s-socjeta’ konvenuta giet notifikata ghall-ewwel darba fit-23 ta’ Jannar, 2004.

Stabbilit dan, irid issa jigi deciz jekk il-preskrizzjoni nvokata hijiex applikabbli jigifieri jekk ir-responsabbilta’ tas-socjeta’ Malta Freeport Terminals Limited hijiex wahda kuntrattwali jew delittwali. Din id-distinzjoni hija relevanti peress li l-preskrizzjoni hija ta’ sentejn meta d-danni jidderivaw minn responsabbilta’ delittwali, mentri l-preskrizzjoni hija ta’ hames snin meta d-danni jidderivaw minn responsabbilta’ kuntrattwali.

Illi r-responsabbilta’ delittwali tinkorri meta d-danni jigu kkagunati f’rapport extra kuntrattwali, cjoe’ tillimita ruhha ghall-fatt tal-bniedem bhala ksur tad-doveri ta’ protezzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra mentri r-responsabbilta’ kuntrattwali tirrisali ghall-kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-doveri ta’ prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Fi kliem iehor id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija proprju l-ezistenza *o meno* tar-rabta obbligatorja antecedenti ghall-att jew ommissjoni li ta lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kkawzat.

Illi a propozitu ta’ dan il-Qrati taghna ghallmu li mhux kull vjolazzjoni ta’ dritt ta’ haddiehor fl-adempiment ta’ kuntratt tikkostitwixxi kolpa kuntrattwali u biex il-kolpa ma tkunx kuntrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mall-kuntratt pre-ezistenti u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-kolpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-

iehor hijiex kuntrattwali jew akwiljana. Jigifieri meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti w awtonomu mir-rapport kuntrattwali. **(Gaetano Spiteri pro et noe Vs Thomas Castle per Onor. M. Caruana Curran – 18/08/65)**

Illi mhux ikkontestat li l-partijiet kienu f'relazzjoni kuntrattwali meta sehh l-incident izda huwa kkontestat jekk l-event dannuz sehhx bhala fatt indipendenti minn din ir-relazzjoni kuntrattwali.

Illi skond il-fatti l-incident sehh meta haddiema tas-socjeta' konvenuta kienu qed jghabbu *container* fuq it-*trailer* ta' l-attur, meta b'rizultat ta' negligenza da parti ta' dawn l-istess haddiema l-*container* waqa' fuq l-istess *trailer*.

Illi l-fatti tal-kawza odjerna jixbhu lil dawk tal-kawza **Gaetano Spiteri pro et noe Vs Thomas Castle** citata mis-socjeta' attrici fejn l-Onor. M. Caruana Curran qal:

" …il-Qorti jidrilha li l-kolpa tal-konvenut hija kuntrattwali ghax ghaliex intrinsika u haga wahda ma' l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni tieghu taht kuntratt ta' kiri ta' karozza li huwa dahal fih ma' l-attur, obbligazzjoni cjoe' ta' kustodja tajba tal-karozza bid-diligenza ta' *bonus pater familias* u li jirrestitwiha fi stat tajjeb fl-ahhar tal-kirja…"

Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li r-responsabbilta' tas-socjeta' konvenuta hija wahda kuntrattwali ghaliex intrinsika u haga wahda ma' l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni taghha taht kuntratt bejn il-partijiet. L-incident gara meta l-partijiet kienu qieghdin jesegwixxu l-kuntratt bejniethom izda s-socjeta' konvenuta minflok ma hadet hsieb li tpoggi l-*container* fit-*trailer* waqqghet l-istess *container* fuq it-*trailer*. Ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sentejn ma japplikax.

Illi s-socjeta' konvenuta pprezentat eccezzjoni ulterjuri fejn teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sena a tenur tal-Art. 554(e) tal-Kap. 13.

Dan l-Artikolu jaghmel referenza ghal *“kull azzjoni ghall-kunsinna ta’ merkanzija, wara sena minn dakinhar li jasal il-bastiment”*.

Illi dan l-Artikolu mhux applikabbli ghall-fatti in kwistjoni u ghalhekk in-Nota ta’ Eccezzjonijiet ulterjuri hija michuda.

Illi xehed ukoll Joe Mintoff li qal li esebixxa rapport ta’ kif gara l-incident. Mintoff qal li skond is-*survey* il-hsara mhix iktar minn Lm350 (tlett mija u hamsin lira Maltin).

Ra r-rapport ta’ Lino Maniscalco.

Ra n-Nota ta’ Eccezzjonijiet ulterjuri fejn gie sottomess li s-socjeta’ konvenuta m’ghandha ebda responsabbilta’ ghad-danni li garrbet is-socjeta’ attrici u f’kull kaz l-ammont ta’ danni mitlub huwa esagerat.

Is-socjeta’ attrici talbet l-isfliz ta’ din l-eccezzjoni billi skond il-ligi kellha ssir talba ghall-prezentata ta’ tali eccezzjoni. Illi dan it-Tribunal jidhirlu li ghandu jiehu konjizzjoni ta’ din l-eccezzjoni u ghalhekk qieghed jichad it-talba ghall-isfilz.

**Ikkunsidra**

Li l-incident gara wara li waqa’ *container* tqil fuq *trailer* tas-socjeta’ attrici. Illi s-socjeta’ konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti minhabba dan l-incident billi l-istess socjeta’ kellha tassigura li ma jaqax il-*container*. Illi x-xhieda ta’ John Vassallo dwar kif gara l-incident hija kredibbli billi huwa kien prezenti meta gara l-incident. Fir-rapport ta’ l-Espert tas-socjeta’ konvenuta gie kkonfermat ukoll li:

“One cannot exclude that there could have been an impact on the trailer whilst loading the container which was 26 tons gross that could have caused fractures on the trailer’s structural longitudinal beams.”

Illi s-socjeta’ konvenuta tikkontesta wkoll id-danni.

Illi s-socjeta' attrici esebiet ircevuta mahruga minn "Bugeja" bil-kliem *repair trailer consists with chasis* Lm506; Lm36 spejjez ta' l-engineer; Lm483 *being rent of trailer* mit-22 ta' Frar, 2001 sat-2 ta' Mejju, 2001.

Skond Raymond Vassallo huwa kien jitlob biex jiehu t-*trailer* u tal-*freeport* qalulu li ma jistax jiehdu. Joe Mintoff ghas-socjeta' konvenuta qal *"hadd ma waqqaf lis-socjeta' fis-sens li ma hallewhiex tohrog minn hemmhekk"*. Is-*survey* sar mis-socjeta' konvenuta fit-23 t'April, 2002. F'dan il-mument kienu saru r-riparazzjonijiet. Ghalhekk huwa difficli li jifhem ghaliex is-socjeta' attrici ma haditx it-*trailer* u ma waqfitx il-kiri ta' *trailer* iehor.

Dwar id-danni dan it-Tribunal jinnota li filwaqt li skond l-Espert innominat mis-socjeta' attrici t-*trailer* kien *beyond economical repair* – dan skond rapport li sar fi Frar 2001. F'Mejju 2001 huma hallsu Lm506 (hames mija u sitt liri Maltin) lil Bugeja ghat-tiswijiet fl-istess *trailer*.

Illi skond ir-rapport esebit mis-socjeta' attrici Dok. RV2 b'rizultat ta' l-incident it-*trailer* gie ddikjarat *beyond economical repair*.

Illi f'rapport iehor esebit mis-socjeta' attrici l-Espert Silvio rega' kkonferma li *"this semi-trailer is beyond repair"* u li hu ma jaqbilx ma' l-*"option of repairing the damages and therefore the vehicle should be put out of service"*.

Illi s-socjeta' attrici kellha d-dover li timminimizza d-danni. Jekk kellha rapport li t-*trailer* kien *beyond economical repair* ma kellhiex thallas ghar-riparazzjonijiet u tikri *trailer* iehor sakemm isiru r-*repairs*. Illi s-socjeta' attrici ma gabet ebda evidenza tal-valur tat-*trailer* qabel l-incident. Is-socjeta' attrici tghid li kienet titlob li tiehu lura t-*trailer*, is-socjeta' konvenuta tirrispondi li qatt ma waqfet lis-socjeta' attrici milli tiehu t-*trailer* u li l-*loss of use* kellu jkun biss ta' hamest ijiem. Ma giet esebita ebda Ittra mis-socjeta' attrici fis-sens li qieghda titlob li tiehu lura t-*trailer* u fejn tavza lis-socjeta' konvenuta li kienet se tikri *trailer* iehor. Huwa veru li Raymond Vassallo jaghmel referenza ghall-

Ittra ta' l-avukat tieghu datata 12 ta' Marzu, 2001 izda din ma gietx esebita.

In vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq it-Tribunal jikkonkludi li:

i. L-incident gara tort tas-socjeta' konvenuta.

ii. Is-socjeta' attrici kienet taf li t-*trailer* huwa *beyond economical repair* izda xorta ghazlet biex taghmel riparazzjonijiet minkejja l-parir ta' l-Espert taghhom stess.

iii. Is-socjeta' attrici kriet *trailer* iehor ghall-perjodu twil meta skond is-*survey* tas-socjeta' konvenuta kellu jkun hemm biss hamest ijiem bhala *loss of use*.

iv. M'hemmx provi konvincenti li s-socjeta' konvenuta rrifjutat li thalli lis-socjeta' attrici tiehu t-*trailer* u li s-socjeta' attrici ghamlet dak li hu necessarju sabiex tiehu t-*trailer*.

Ghalhekk it-Tribunal se jirriduci l-ammont tad-danni ghal Lm500 (hames mitt lira Maltin). Illi dan l-ammont gie stabbilit wara li l-esponent ha in konsiderazzjoni kemm il-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija kif ukoll iz-zewg rapporti teknici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jirrespingi l-eccezzjonijiet hlief ghall-eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa eccessiv u jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) lis-socjeta' attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------